

# Minibeast Minifacts





Dinja Wañda




Dinja Waħda

Il-**ħniex** huma tajbin ħafna għall-kompost għax meta jgħaddu minn ġo fih, iħallu passaġġi ta’ arja. B’ hekk il-kompost ikollu l-arja.



Il-ħniex għandhom bżonn iżommu l-ġilda mxarrba. L-arja tgħaddi mill-ġilda mxarrba u b’ hekk jieħdu n-nifs.

Il-ħanex huwa twil u jiżloq u b’ hekk jgħaddi minn ġol-kompost u l-ħamrija.




Dinja Waħda

**Il-ħanżir l-art** għandu bżonn post umdu. Il-kompost tajjeb ħafna għalih. Jgħix xi sentejn u jbiddel l-iskart f' kompost.

Il-ħanżir l-art isir ballun meta jkollu bżonn jinħeba mill-predaturi.



Il-ħanżir l-art juża l-antenni biex Iħoss madwaru. B' għajnejh jagħraf biss id-dawl mid-dlam.

Jiena **Nemla**. Aqra dwari fl-istampa li jmiss...



Dinja Waħda

In-**nemel** huma insetti bravi. Jafu jxommu lil xulxin bl-antenni.

Għandhom qadd żgħir u dan jgħinhom jitgħawġu.



In-nemel jagħmel il-ġid għall-kompost għax iġorr il-minerali li jgħin lill-kompost isir sew.

Ix-xedaq tan-nemel huwa b' saħħtu biex iqatta' l-ikel aħjar.


Jiena Mqass. Aqra dwari fl-istampa li jmiss…

L-**Imqass** ma jweġġax nies.

L-imqass Iħobb joqgħod fil-kompost għax huwa umdu.



L-imqass juża l-pinzetta biex joqros lill-predaturi .

L-imqass mara tieħu ħsieb iż-żgħar tagħha u tuża x-xedaq biex tqatta’ l-ikel.


Jiena Xini.
Aqra dwari fl-
istampa li
jmiss...

Ix-**xini** għandu bżonn joqgħod f’ postijiet umdi biex iżomm il-ġilda mxarrba.

Ix-xini jieklu ħaxix fil-kompost imma jieklu ħniex ukoll.



Ix-xini huma twal u flessibbli, bħall-ħniex, imma jiġru ħafna iktar għax għandhom ħafna saqajn.


Jiena Bugħarwien. Aqra dwari fl-istampa li jmiss...

**Bugħarwien** irid ikollu l-ġilda mxarrba. L-arja tgħaddi mill-ġilda mxarrba u b’ hekk il-bugħarwien jieħu n-nifs.



Il-ġilda ta’ bugħarwien b’ saħħitha ħafna u jista ‘ jgħaddi kważi minn fuq kollox.

B’ għajnejhom iħossu d-dinja ta’ madwarhom. Jistgħu jiġbduhom ’ il ġewwa biex jipproteġuhom.

Bis-saħħa tal-bugħarwien il-kompost ikollu iktar sustanzi.


Jiena Ħanex tal-Indewwa. Aqra dwari fl-istampa li jmiss...

Il-**ħanex tal-indewwa** għandu ġilda ħoxna li tipproteġih mill-predaturi. Jista’ wkoll isir romblu u hekk jipproteġi żaqqu.



Il-ħniex tal-indewwa importanti ħafna għall-kompost. Jieklu l-ħaxix u jbiddluh f’ kompost.

Għandhom għajnejn imma ma tantx jaraw tajjeb. Jużaw l-antenni biex iħossu fejn sejrin.

Meta jimxu jerfgħu saqajhom par, par, u jkunu qishom mewġa għaddejja.


Jiena Katerina Għolli Denbek.
Aqra dwari fl-istampa li jmiss…

Dinja Waħda

Għandha xedaq b’ saħħtu biex toqtol il-priża.

Meta l-**katerina għolli denbek** tara predatur, tgħolli denbha biex tidher tal-biża’ . Il-muskoli ta’ daharha b’ saħħithom ħafna.



Dan l-annimal issibu fil-kompost imma ma jkunx qed jagħmel kompost. Ikun qed jiekol l-annimali li qed jagħmlu l-kompost !

Dinja Waħda

BirdLife
MALTA

© BirdLife Malta

www.birdlifemalta.org

Kliem: Desirée Falzon    Tpinġija: Victor Falzon